Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**
**Laqgħa Numru 32**
**It-Tlieta 16 ta'Novembru 2021**

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida,fil-5:30pm.

PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai :
Charles Selvaggi : Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop : Kunsillier
Maurice Agius : Kunsillier
Judy Sciberras : Kunsillier
Emanuel Brincat : Kunsillier
Alfred Farrugia : Kunsillier
Jean Claude Borg : Kunsillier
Romina Galea : Viċi Sindku

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella : Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

**32.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;**

32.1.01 Il-Kunsilliera kollha kienu preżenti.

**32.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

32.2.01 Il-Minuti ta'Seduti L8-31 ittieħdu bħala moqrija.
Il-minuti ġew approvati unanimament.

**32.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

32.3.01 B'referenza għall-minuti 29.4.02, Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet il-pjanta għal proġett ta'rikostruzzjoni ta' Triq Santa Venera fuq il-mejda fejn għarrfet lil kunsilliera preżenti li x-xogħol beda fejn spjegat li dan ser issir f'fażijiet differenti minħabba l-aċċessi għat-triq.

32.3.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda Cir AKL 2021/117 dwar laqgħa ta'konsultazzjoni fuq installazzjoni ta'charging pillars u għarrfet lill kunsilliera preżenti li dawk li huma interressati li jattendu jridu jinkitbu kif indikat fiċ-ċirkulari.

32.3.03 B'referenza għall-minuti 28.4.24, dwar l-akkwist ta' fond minn għand l-Awtorità tal-Artijiet go Triq il-Kunċizzjoni, is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li min fil-preżent qed jikri ma' jridx jitlaq l-fond u sakemm ma jkunx hemm żviluppi oħra l-kunsill ma' jistax imexxi. Għalhekk ġiet kunsidrata alternattiva oħra peress li l-kunsill jikkwalifika biex japplika għal kiri ta'garaxxijiet tal-Gvern fejn spjegat li fil- mument ħarġet sejħa li għaliha saret applikazzjoni għal fond ġol-binja li tiela go Triq Garcin.

**32.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

32.4.01 B'referenza għall-minuti 31.4.01 is-Sur Emanuel Brincat tkellem dwar l-aċċess għal Triq San Andrija, li se tkun one way l-isfel , hawn spjega li t-tabelli waslu wkoll għalhekk din tista' tkun implimentata waqt il-vaganzi tal-Milied.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar il-parti ta' fuq fejn il-kulleġġ u staqsiet jekk din tibqax two way jew it-triq tkun mill-bidu one way.
Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb li fil-biċċa ta'fuq sakemm joħorġu l-studenti qed jkun hemm ħafna parkeġġ doppju li qed jżomm it-traffiku. Is-Sur Maurice Agius qabel mas-sur Brincat.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament li Triq San Andrija kollha għanda tkun one way l-isfel.

32.4.02 B'referenza għall-minuti 31.4.03, Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar President's Solidarity Fun Run 2021 fejn għarrfet lill Kunsilliera preżenti li r-reġistrazzjoni għada l' bogħod minn mitt parteċipant.
Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li dawk li jixtiequ jirreġistraw mal-kunsill jistgħu jagħmlu dan sal-Ġimgħa 19 ta'Ottubru.

32.4.03 B'referenza għall-minuti 30.4.04, dwar ix-xogħolijiet mill-GHRC fuq il-promenade is-Sur Emanuel Brincat tkellem dwar xi mistoqsijiet jew kummenti li saru għax ix-xogħol ilu għal xi żmien wieqaf. Hawn spjega li dak li fil mument qed ssir huwa xogħol ta'preparazzjoni u casting fil-plant biex dan imbagħad jiġi mqiegħed fil post.

Is-Sur Jean Claude Borg qal li min qed jieħu ħsieb dan ix-xogħol jista' jinforma ftit lill kunsill biex tal-inqas jkun jaf b'dak li qed jiġri.
Is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar l-skop ta'sinjali tal-emergency slots li saru fit-triq Xatt ta'Xbiex.
Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb li sakemm ssir ċertu xogħol fuq il-promenade it-triq ġiet one lane għalhekk kien implimentat traffic management temporanju sabiex ma jkunx hemm double parking minn vetturi li jridu jieqfu biex iħottu jew b'emerġenza valida.

32.4.04 B'referenza għall-minuti 31.4.07, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li x-xogħol ta' tarmak go Triq it-Torri u Kunċizzjoni issa huwa lest u l-kuntrattur qed jagħmel is-sinjali kif indikat minn TM.
Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar is-sinjali u staqsa għala ma'sarux kullimkien.
Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb li jidher li hemm xi partijiet li għadhom ma'sarux u li se jara mal-perit jew kuntrattur meta dawn se jitkomplew biex jmur fuq il-post..
Is-Sinjura Romina Galea tkellmet dwar Triq il-Kunċizzjoni fejn spjegat li hemm min ilmenta li minn meta sar it-tarmak hemm xi wħud qed isuqu b'veloċità qawwija anke fil-parti dejqa filwaqt li xi drabi hemm min wkoll qed jgħaddi bil-kontra minn naħa li tiġi k/m Triq San Alwiġi.
Is-Sindku tkellmet dwar vetturi kbar li qed jgħaddu minn go l-istess triq u spjegat li t-tabelli li hemm ma jidhrux sew u għandhom jsiru go post fejn jidhru aħjar.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u wieġeb li se jivverifika biex jara x'jista' ssir fil-parti sa k/m Triq it-Torri. Hawn spjega li fil- parti dejqa ġa hemm road humps u fuq in-naħa l-oħra k/m ma'Triq San Alwiġi hemm sinjali li ma'tistax tidhol minn hemm u ħafna diffiċli biex karozza ddur meta tasal fil-liwja li hemm sakemm mhux xi mutur.

32.4.05 B'referenza għal- minuti 31.4.13 dwar il-permessi għal-pletform tal-attività li qed tokkupa il-parkeġġ meta ma tkunx qed tiġi użata. Is-Sur Maurice Agius għamel kjarifika li l-pletform ma'tibqax fil-post iżda jkun hemm in-No Parking signs u ħadd ma' jkun jista' jagħmel użu mill-parkeġġ matul il-ġurnata kollha.

32.4.06 B’referenza għal- minuti 31.4.14, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li kien hemm applikazzjoni waħda għas-sejħa li ħarġet mill-Jobs Plus biex jimtela il-post vakanti f'skala 13.

32.4.07 B’referenza għal- minuti 31.4.17, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l-Kunsill Lokali Ta'Xbiex bagħat aknowledgement għar-risposta uffiċjali b'deċiżjoni li ttieħdet mill-Kunsill Lokali L-Imsida

32.4.08 B’referenza għal- minuti 31.4.18 dwar il-bankina go Triq il-Ħarrub, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l-perit għandu jmur fuq il-post biex jara x'jista’ ssir.

32.4.09 B'referenza għal minuti 31.4.19, Is-Sur Maurice Agius talab biex jiġu jiġu żarmati il-kumplament tal-bankijiet go Triq Victor Denaro għax xorta għad hemm il-problemi msemmija.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament.

32.4.10 B’referenza għal- minuti 31.4.20 is-Sur Emanuel Brincat qal li mar mal-ħaddiema biex jaraw x'hemm bżonn ssir dwar xi spralli go Triq il-Punent li għandhom jinbidlu.
Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti dwar il- spralli ta' bejn l-għassa u il-Knisja msemmija fl-istess minuti fejn il-ħaddiema tal-kunsill marru fuq il-post u ħadu ħsieb dawn u daru wkoll il-pave tal-bankina fejn kien hemm bżonn.

32.4.11 B’referenza għal- minuti 31.4.22 dwar abbużi minn sidien ta' trakkijiet jew trejlers li qed jitħallew pparkjati go' Triq Indrì Grima , Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li sar rapport u konsultazzjoni mal-pulizija dwar dawn it-tip ta'abbużi u saret talba lill TM għal suġġerimenti jew proposti addattati biex issiru tabelli li jindikaw x'jista’ jkun hemm fil-parkeġġ. Hawn kompla jispjega li kien hemm emendi dwar id-definizzjoni ta' liema tip ta'vetturi kummerċjali jistgħu jipparkjaw barra.

32.4.12 Is-Sur Emanuel Brincat tkellem dwar il- passaġġ għal-anzjani ħdejn l-istage Kulleġġ b’referenza għal- minuti 31.4.25 , u talab lill kunsill jikkunsidra biex isiru sinjali ta'żebgħa mal-art bħala indikazzjoni li hemm passaġġ għal anzjani.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u ma' kienux konvinti li din se taħdem iżda approvaw li ssir bi prova.

32.4.13 B'referenza għal minuti 31.4.26 , Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk kienx hemm risposta dwar biċċa żgħira li għada ma' saritx fejn kien hemm il-pletform ta' tower crane go Triq il-Prinċipessa Margaret.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li sal-ġurnata kien għadu ma' għamilx verifika fuq din .

32.4.14 B’referenza għal- minuti 31.4.27 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l-bin mitlub go Triq Johnny Catania sar.

Is-Sur Maurice Agius qal li meta għamel it-talba kien qed jitkellem dwar dog bin
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li fehmu ħażin u se jara li jew jinbidel il-bin jew jekk jkun hemm spazju fejn joqgħod iżid id-dog bin ukoll.

32.4.15 B’referenza għal- minuti 31.5.03, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l-kunsill għamel l-applikazzjoni għal RWP1 ma' TM biex jibda xogħol ta'manutenzjoni fuq il-bankini ta'Triq Esperanto.

32.4.16 B'referenza għal-minuti 31.5.04 dwar installazzjoni ta' kameras mill-fondi LESA għall-Proġetti fil-Komunità , Is-Sur Jean Claude Borg staqsa dwar il-progress.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li sar appuntament ma' min se jagħmel l-assessment flimkien mal-kuntrattur li se jieħu ħsieb is-CCTV biex immorru fuq kull sit fejn dawn se jsiru biex jibda jipprepara ir-rapport għal GDPR u jsiru l-applikazzjonijiet neċessarji biex jibda ix-xogħol.

32.4.17 B’referenza għal- minuti 31.5.05 dwar talba għal danni minn persuna li rrapportat li weġġħet go Triq Santa Venera, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti lil l-avukat ta parir li l-ammont mitlub huwa ragonevoli iżda jekk il-kunsill se japprova għandu jgħamel ftehim iffirmat li dan huwa konklussiv u jeħles lill kunsill minn kull responsabiltà jew talbiet oħra.
Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament mal-parir tal-avukat.

32.4.18 B’referenza għal- minuti 31.5.06 dwar l-istruttura l-kbira li hemm fil-bandli tas-Swatar, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li din ġiet żarmata fejn saret wkoll xi tiswija fit-tapit.

32.4.19 B’referenza għal- minuti 31.5.07, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li beda ix-xogħol tal-armar u tiżjin tal-Milied got- toroq.

32.4.20 B’referenza għal- minuti 31.5.10 , dwar possibilità li ssir attività tal-Milied f'Misraħ San Guzepp fil-pjazza nhar it-12 ta'Diċembru, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li hemm kollox konfermat mal-kumpanija li se tieħu ħsieb sakemm it-temp jkun jippermetti. Fadal biss isir il-poster tal-attività fuq FB u notice boards.
Is-Sur Jean Claude Borg qal li l-poster kważi lest u se jibgħathom fi ftit ġranet. Hawn staqsa dwar stand tal-ikel waqt l-attività.
Il-kunsilliera preżenti ddiskutew kif l-ebda attività ta'tisjir ta'ikel ma' hija permessa go Misraħ San Guzepp iżda għal din l-attività jista’ jkun hemm posta bi prodott ta’ikel li jkun ġa' lest u siġillat jew pakketti ta'snaks.

32.4.21 B’referenza għal- minuti 31.6.01, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l-kunsill ħallas l-ammont li kien għad fadal fuq self mill-bank u franka l-interessi.

32.4.22 B’referenza għal- minuti 29.5.23 Is-sur Emanuel Brincat staqsa dwar il-progress għal-kalendarju 2022.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li fil-ġranet li ġejjin se jittieħdu ritratti ta' karozzi klassiċi u jintbghat ghal-printing.

32.4.23 Is-Sinjura Judy Sciberras staqsiet dwar l-skemi għal cat feeders.
Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li matul is-sena kurrenti il-kunsill qed iqassam voucher kull xahar li huma parti minn skema finanzjata mill-Ministeru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali li se tgħalaq fil-31 ta' Diċembru 2021.Sal-gurnata għadu ma kienx hemm skemi oħra għas-sena 2022.

32.4.24 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar ħajt li waqgħa go Triq Reġjonali.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li din triq arterjali li taqa’ taħt l-IM u ħa nota

32.4.25 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar x'jmiss bħala toroq residenzjali li se jsiru minn IM.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li sal-ġurnata li jaf li hemm se ssir hija Triq tal-Qroqq u jonqos Triq Bieb it-Torri u Triq Ta’Xmiexi.

32.4.26 Is-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar gallarija go Triq l-Isqof Caruana li s-sid ilmenta li qed tintlaqat minn trakkijiet li qed jitilgħu fuq il-bankina biex jagħmlu deliveries.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li l-bankina baqgħet l-istess u staqsiet dwar l-għoli u kemm hija ħierġa il-barra l-gallerija
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li se jara x'jista’ ssir iżda il-bankina ma titwessax.

32.4.27 Is-Sur Emanuel Brincat tkellem dwar abbużi minn x'wħud li qed jidħlu mid-direzzjoni bil-kontra ta'Triq E.H Furse.

32.4.28 Is-Sur Emanuel Brincat llmenta dwar il-knis u talab biex il-pagamenti jiġu sospiżi sakemm ssir awditjar dwar kif qed jingħata is-servizz u verifika li t-toroq qed isiru skond l-iskeda la hemm id-data trek.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-kuntrattur ta'aċċess min jeddu għal data trek biss għal dan ix-xogħol il-kunsill għandu l-Contracts Manager li qed idur u jibgħat ritratti tal-ispezzjonijiet li saru li qed jiġu mgħoddija wkoll għand il-kunsilliera. Għalhekk se jitkellem miegħu biex jara li jkun hemm aktar attenzjoni fejn jidher li qed ikun hemm nuqqas.

32.4.29 B'referenza għal minuti 26.5.01 dwar SPI/SCI/3/2021, għall-fondi fuq Attivitajiet Kulturali Annwali 2021, Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li wara li direttorat għal Gvern Lokali għamel reviżjoni marka li ġabet l-applikazzjoni relatata u l-Kunsill Lokali jikkwalifika għall-ammont ta’ €5,000 biex tiġi implimentata fażi mill- proposta li saret għal librerija virtwali.

32.4.30 B'referenza għall-minuti 27.5.13, is-Sur Jean Claude Borg għarraf lil kunsilliera preżenti li l-ewwel sett ta' bradelli għal-vari huma lesti u waslu l-kunsill.

**32.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

32.5.01 B'referenza għal- minuti 30.5.12, Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar attività approvata f'seduta preċedenti biex ssir San Nikola mat-toroq tal-Imsida li se jieħdu ħsieb l-Għaqda Guzeppini. Hawn spjegat li fis-sena preċedenti l-kunsill kien ħallas €150 għal din l-attività u staqsiet lill Kunsilliera preżenti biex jiddeċiedu kemm għandu jkun il-ħlas għal din is-sena.

Is-Sur Maurice Agius ippropona li dan għandu jkun l-stess bħal sena

Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

32.5.02 Is-Sur Nicholas Chircop tkellem dwar l-attività Hallowen movie night li saret fid-day centre u ppropona biex ssir waħda simili b'tema għal żmien il-Milied Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

32.5.03 Is-Sur Nicholas Chircop tkellem dwar l-attività għat-tfal go Popeye Village pjanata ghas-27 ta'Diċembru fejn spjega l-programm u għarraf lill kunsilliera preżenti li l-prezz inkluż it-trasport huwa adulti €15 u tfal €13. Hawn talab biex il-kunsill jikkunsidra joħorġu €5 għal kull persuna.

Is-Sur Charles Selvaggi ppropona li l-adulti jħallsu u t-tfal bejn 3 u 12 il-sena għandhom ikunu b'xejn.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament.

32.5.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar Ċirkulari AKL 2021/117 li kienet qed titlob informazzjoni dwar proġetti tal-kunsilli li qed issiru jew għadhom pendenti li huma relatati mal-fondi għal żvilupp tal-PA. Għarrfet ukoll lill kunsilliera preżenti li saret kommunikazzjoni ma'uffiċjal tal-PA fejn inqalbet għal laqgħa online biex jiġi diskuss x'jista' jagħmel il-kunsill bil-applikazzjonijiet li baqgħu pendenti minħabba l-proġett tal-Msida Creek. Hawn kompliet tispjega li jekk il-proġett tal-latrina u il-ġnien ta'Misraħ San Guzepp jiġu temporanjament iffriżati sakemm jkun aktar ċar x'se jsir bil-proġett tal-IM, il-kunsill ikun f'pożizzjoni li jista' japplika u jibbenefika minn dan il-fond għal l-żvilupp ta' żewġt sulari oħra fil-binja tal-kunsill kif approvat permezz ta'PA / 08490/19 u b'referenza għal minuti13.5.02.

Is-Sur Emanuel Brincat reġa' ppreżenta il-pjanti approvati biex jispjega dak li hemm bżonn ssir u għarraf lill kunsilliera preżenti li l-perit tal-kunsill ġa pprepara BOQ għal binja kompluta filwaqt li għad irridu jsiru BOQ's oħra minn Inġinier għal installazzjoni ta'servizzi u sistemi oħra. Meta dawn ikunu lesti, l-kunsill jkun jista' jagħmel l-applikazzjoni għal fondi ma' l-PA u wara li din tkun approvata, jmexxi il-proċessi ta'tenders u evalwazzjoni.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li permezz tal-Fond għal iżvilupp mill-PA huwa possibbli l- kunsill jimplimenta dan il-proġett. Spjega wkoll kif kull sena fl-estimi finanzjarji kien hemm il-ħsieb biex jiġu mwarrba fondi ħalli ma'jkunx hemm problema ta'cash flow jew piż ta'self mill- banek. Hawn ta'dettalji dwar x'jrid ssir għal proċess biex ssir sejħa għal tender u regoli relatati.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament li jibda il-proċess biex ssir applikazzjoni għal fondi tal-PA u preparazzjoni ta'draft għas-sejħa ta' tender biex jkun approvat mill-kunsill u sanzjonata mid-dipartimenti għal-Gvern Lokali u tal-kuntratti rispettivament.

32.5.05 B'referenza għall-minuti 18.4.02 dwar diskussjonijiet li qed isiru mil-MCEP għal- proġett ta tisbiħ u aċċess lill- pubbliku fiz-zona fejn qed ssir l-afforestazzjoni , Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li l-PA approvat biex isiru xogħolijiet ta'bini mill ġdid tal-ħitan tas-sejjieħ eżistenti li se jkun qed ssir kollu mill-kuntrattur tal-msemmija MCEP. Hawn spjegat lill kunsilliera preżenti li l-kunsill għad rrid jagħmel applikazzjoni ma' l-PA biex ssir it-tieni fażi li taħseb għal rampa li tagħti aċċess sigur għal wied u l-passaġġi.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament biex il-perit jibda il-proċess għal applikazzjoni ma' l-PA.

32.5.06 Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għal- attenzjoni tal-kunsilliera preżenti li skond Artiklu 49(2) tal-Att, il-Kunsill jrid jaħtar jew jikkonferma lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv ma'terminu ta'kull 90 ġurnata. Għaldaqstant qed jitlob lill kunsill biex jikkunsidra li jikkonferma l-uffiċjal propost biex fil-bżonn meta Segretarju Eżekuttiv jinforma lill-Kunsill illi ma jistax jaġixxi ikun jista' jinħatar l-uffiċjal bħala Deputat.

Il-kunsilliera preżenti unanimament approvaw ir-rakkomandazzjoni għal l-stess uffiċjal biex jkun konfermat Deputat Segretarju Eżekuttiv jekk jkun hemm ħtieġa sa' terminu ta' 90 ġurnata minn notifika ta'dipartiment

**32.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti.**

32.6.01 Ma'kienx hemm rapporti

**32.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

32.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K8-32 ta' ħlasijiet bejn l-20 ta'ta'Ottubru 2021 sa 16 ta'Novembru 2021 għall-approvazzjoni tal-Membri.

L-iskeda ġiet proposta mis-Sur Jean Claude Borg u s-sekondat mis-Sur

Is-Sur Emanuel Brincat iddikjara li qed japprova il-pagamenti kollha tal-iskeda b'riserva għal pagamenti 83 u 84 relatati mal-kuntratt tal-knis.

Il-Kunsilliera preżenti iddiskutew u approvaw l-iskeda.

**32.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

32.8.01 Il-laqgħa ntemmet fit-7:47 ta' filgħaxija, u data għas-seduta li jmiss se tkun it-Tlieta 14 ta'Diċembru 2021 eżatt wara li tkun lesta il-laqgħa pubblika li se ssir fil-5:00 p.m.

Minuti konfermati, illum 18 ta'Jannar 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Margaret Baldacchino Cefai<br>Sindku | Alan Vella<br>Segretarju Eżekuttiv |